# Xi ħxejjex slavaġġ imsemmijin għall-Madonna

Guido Lanfranco



Meta l-fidi tkun ingranata sa mit-twelid fil-familja, fil-ħajja, drawwiet u tradizzjonijiet tal-post matul is-sekli, il-moħħ jibda jaħseb u jmexxi l-bniedem bil-ħsieb devozzjonali dejjem quddiem għajnejh u ħafna kliem ta' kuljum jintgħaġen miegħu kliem ieħor ta' natura devozzjonali. Hemm bosta eżempji fl-ilsien Malti li nistgħu infakkru dan, bħal meta ngħidu "Il-Bambin miegħek", "Alla jbierek!", "Jekk il-Bambin irid", "Mnalla", u l-kumplament, u ta' sikwit nisimgħu "Madonna!" meta jinqala' xi aċċident f'daqqa. Bħallikieku awtomatikament qed insejħu lill-Madonna tidħol għalina.

Minbarra dan il-kliem li jidħol inċidentalment f'ilsienna, hemm kliem ieħor li jingħata bħala isem lil xi ħaġa madwarna, fosthom lil diversi speċi ta' fjuri, annimali u oġġetti oħra. Fost dawn insibu l-Bastun ta' San Ġużepp, Lsien San Pawl, Xuxet San Ġwann, Dliel il-Madonna, Bajtar ta' San Ġwann, Xewk ta' Santa Katarina, Xewk ta' Kristu u oħrajn. Imma f'din il-kitba qasira se nfakkar biss ftit fjuri sbieħ slavaġġ imsemmijin għall-Madonna. Qed nagħti wkoll l-isem bil-latin jew botaniku biex tistgħu issibuhom f'xi kotba għax dak hu l-isem li bih il-pjanti jkunu magħrufa tkun xi tkun il-lingwa wżata.



**Ħobż tal-Madonna** - Fi kliem ieħor din nafuha aħjar bħala ħobbejża jew ħubbejża, imma f'diversi nħawi jsemmuha għall-Madonna. Il-kelma ħobbejża hija l-istess bħal ħbejża, jew ħobża ċkejkna. Dan għaliex meta tinxef il-fjura, bħal fi pjanti oħra, tibqa' l-frotta. Ta' din il-pjanta l-frotta għandha għamla tonda bħal kuxxinett u tagħti lemħa lil ħobża. Sa minn dejjem it-tfal kienu jħobbu jaqtgħu xi ftit minn dawn il-"ħbejżiet" meta jkunu għadhom torja biex jikluhom, bħalma jaqtgħu u jieklu l-qrempuċ. Din il-pjanta sikwit kienu jużaw il-weraq tagħha mgħolli bħall-insalata u wkoll jixorbu l-ilma tiegħu fis-sogħla jew jaħslu bih il-ġilda misluħa, kif ukoll il-weraq mgħaffġin u magħsurin fil-ħalq għall-uġigħ ta' snien. (*Lavatera arborea, Malva sylvestris*)

**Salvja tal-Madonna** - Hija pjanta salvaġġa imma fost l-isbaħ li għandna tikber fl-irdumijiet. Tikber imdaqqsa mhux ħażin, bellusina, mimlija b'ħafna gruppi ta' fjuri sofor matul iż-żkuk. Kienu wkoll jużaw il-weraq tagħha infużjoni (bħal te) kontra s-sogħla. Jgħidulha wkoll salvjun. (*Phlomis fruticosa*)

**Makuba tal-Madonna** - Tissejjaħ ukoll Ħaxixet Santa Marija jew salvja salvaġġa. Il-kelma makuba



kienet tintuża biex tirreferi għall-kwalità ta' tabakk ta' riħa fina. Din il-pjanta mir-razza tas-salvja għandha riħa fina u tikber eleganti bi friegħi weqfin bi gruppi żgħar ta' fjuri jagħtu fil-vjola. Kienu jużawha niexfa fil-misħun jagħli bħal te, kontra s-sogħla.



(*Salvia verbenaca, Verbenaca clandestina*).



**Xewk tal-Madonna** - Fil-kampanja tagħna għandna ħafna pjanti slavaġġi xewwekin. Din hija waħda mill-isbaħ, twila, eleganti, tikber għolja kultant aktar minn bniedem, u fir-rebbiegħa u s-sajf jikbru fuqha rjus ta' fjuri vjola kollha mdawrin bix-xewk. Il-weraq t'isfel huma kbar, xewwekin u rħamati. Ix-xewk iservi mhux biss bħala protezzjoni biex l-annimali ma jiklux il-pjanta, imma wkoll inaqqsu t-telf ta' ilma mill-pjanta li tikber fin-nixfa. (*Silybium morianum*)

**Għeneb tal-Madonna** - Tissejjaħ ukoll Demm tal-Madonna, u, f'xi postijiet beżżul il-baqra. Din




hija pjanta salvaġġa, annwali mill-aktar ċkejkna, ma tikbirx f'ħamrija tajba, imma ssibha f'nitfa ħamrija li tinġabar mad-dawra ta' għadajjar tax-xita nixfin, u f'dik il-ftit ħamrija mal-ġnub tat-trejqiet tal-kampanja. Tidher ukoll ħamra, bil-weraq ċkejknin għamla ta' bżieżaq ħomor tawwalin u tagħmel fjuri delikati jagħtu ftit fl-ikħal. Il-ħmura ta' dawn il-pjanti ċkejknin taħdem bħal filter biex tilqa' kontra l-qawwa tax-xemx u l-wrejqiet imlaħħmin mimlijin bl-ilma jservu bħala ħażna kontra n-nixfa. (*Sedum coeruleum*)

**Erba Marija** jew **Erba Santa Marija** - Fi żmien l-ispiżjar kien ikollu diversi weraq nixfin ta' pjanti mediċinali u min kien jixtri minnhom kien jagħmel qisu te bihom kontra s-sogħla imma l-weraq kienu wkoll jużawhom bħala ħwawar mal-ikel. Il-kliem "Erba Marija" issawwru mill-original Taljan *Erba amara* li tfisser ħaxixa morra u l-isem oriġinali ma kellu x'jaqsam xejn mal-Madonna imma d-devozzjoni tirbaħ! (*Pyrethrum tanacetum*)

L-isem Ward tal-Madonna jintuża mhux għal fjura waħda, imma għal diversi speċi ta' ward kultivat. Kienet drawwa li f'Mejju ssir il-festa tal-Madonna tal-Warda jew Tal-Ward f'diversi rħula u ħafna drabi kienu jużaw l-istess statwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-proċessjoni u f'idha jpoġġulha warda minflok il-kuruna; ġieli kienu jużawha wkoll għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura u f'idha jqegħdulha ċ-Ċintura. F'Mejju wkoll, f'ċerti postijiet Marjani, għadhom ibierku l-ward li jitqassam bħala devozzjoni.

---

*(L-illustrazzjonijiet huma tpinġijiet tal-awtur. Għal aktar informazzjoni dwar ħxejjex slavaġġ jew oħrajn mediċinali Maltin tista' tikkonsulta l-kotba mill-istess awtur "Ħxejjex Mediċinali u oħrajn fil-Gżejjer Maltin", u "Fjuri Slavaġġ Maltin", it-tnejn mingħand Wise Owl Bookshop, Main Street, Rabat.)*

Clifford
singer
for all occasions, especially weddings
mobile: +356 7904 8856
email: info@clifford.com.mt
website: www.clifford.com.mt

